KAMRA TAD-DEPUTATI

HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2103

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 148 tat-12 ta' Lulju 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

_____________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**MISTOQSIJIET PARLAMENTARI MWIEĠBA INTERIM**

**23. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA tistaqsi lill-ISPEAKER:** Jista' l-Ispeaker jagħti tagħrif dwar kemm kien hemm domandi parlamentari, Ministeru b'Ministeru li għalihom il-Ministru kkonċernat wieġeb li r-risposta tingħata f'seduta oħra? Jista' jagħti tagħrif dwar kemm kien hemm domandi parlamentari, Ministeru b'Ministeru li għalihom il-ministru kkonċernat wieġeb li l-informazzjoni għadha qiegħda tinġabar? Minn dawn id-domandi parlamentari kemm hemm minnhom li fil-fatt baqgħu mhux imwieġba? X'passi jittieħdu biex fil-fatt dawn ir-risposti jingħataw mill-Ministeru kkonċernat?

22.06.2023

**SPEAKER (ANĠLU FARRUGIA)**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għal fini ta' statistika li tinżamm, ma ssirx distinzjoni bejn tweġibiet imwieġba 'ir-risposta tingħata f'seduta oħra' jew 'tagħrif għadu qed jinġabar'. Intant hawn taħt issib l-informazzjoni dwar kemm hemm mistoqsijiet parlamentari li għadhom pendenti Ministeru b'Ministeru:

| | |
|---|---|
| Uffiċċju tal-Prim Ministru | 18 |
| Ministeru għas-Saħħa | 27 |
| Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 58 |
| Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ | 4 |
| Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 55 |
| Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | 55 |
| Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 10 |
| Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Eworpej u l-Artijiet | 48 |
| Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur | 8 |
| Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kaptiali | 66 |
| Ministeru għal Għawdex | 25 |
| Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riforma u l-Ugwaljanza | 19 |
| Ministeru għat-Turiżmu | 67 |
| Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża | 20 |
| Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol | 12 |
| Ministeru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 154 |
| Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar | 32 |
| Ministeru għall-Ġustizzja | 18 |
| Ministeru għall-Anzjanità Attiva | 7 |

Is-Sedja ittenni li – kif għamlet diversi drabi anke f'rulings preċedenti – hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom. Is-Sedja, madankollu, tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u għalhekk b'mod regolari – anke fid-diskors li għamilt fl-okkażjoni tas-Sette Giugno ta' din is-sena – tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli.

Seduta148
12.07.2023